MALTA

# TAJJEB LI TKUN TAF

Tagħrif maħruġ mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni

Settembru, 1959 Nru. 4/59

## L-EWWEL DWAL FIT-TRIQAT TAL-BELT

Il-lum il-ġurnata, meta tgħaddi minn Strada Irjali u triqat oħra tal-Belt, u tara dawk il-ħafna dwal — dwal fil-vetrini, bozoz ta' l-elettriku, ismijiet fuq tabelli, tubijiet tan-neon — qajla tgħaddi minn rasek li darba waħda fl-imgħoddi t-triqat tal-Belt kienu jkunu dlam ċappa bil-lejl, mingħajr l-ebda dawl. Imma hekk kienu jkunu, għax qabel is-Seklu Dsatax ma kien għad għandna ebda servizz pubbliku ta' dwal fit-toroq ta' Malta u Għawdex.

Tul iż-Żminijiet tan-Nofs u għall-ewwel mitejn sena tal-ħakma ta' l-Ordni f'Malta, l-iktar li kont tara xi torċa jew *ban,* kif kienu jgħidulha, magħmula minn ħabel tal-ħaxix miksi b'xi żift jew qatran, li kienu jgħaddu biha n-nies bil-lejl biex hekk jipprovdu daqsxejn ta' dawl fit-toroq ta' dak iż-żmien. Nies għonja, u oħrajn imlaħħqa sewwa fil-Knisja jew fil-Gvern kienu jwaħħlu dan il-*ban* mal-ħitan ta' barra tal-palazzi u d-djar tagħhom, meta jistgħu. U mill-1600 'il quddiem nibdew naqraw illi, f'xi okkażjoni ta' xi festa, ingħidu aħna l-festa ta' San Ġwann, "il-Palazz, il-knejjes, il-bereġ u d-djar l-oħra prinċipali kienu jwaħħlu mal-faċċati tagħhom ħafna lampi".

Imma okkażjonijiet bħal dawn kienu jaħbtu darba fil, u ftit wisq kienu dawk li setgħu jdawlu quddiem biebhom bit-torċi jew *ban* li semmejna. Għax in-nies għonja kienu ftit, u l-kotra tal-poplu aktarx kien ikollhom igħaddu mingħajr ebda dwal fit-triqat bil-lejl, u kienu joqogħdu ġewwa djarhom biex iħarsu rwieħhom mis-serq u minn delitti oħra.

Għal mijiet u mijiet ta' snin it-toroq kienu jkunu miżgħuda bil-ħallelin, u l-liġijiet li saru fis-sekli 17 u 18 juru biċ-ċar kemm il-Gvern ta' l-Ordni kien imħasseb fuq dil-biċċa. Dawn il-liġijiet, m'għandniex xi ngħidu, kienu maħsubin ukoll minħabba l-ħtieġa ta' difiża, għax il-biża' tat-Torok kien għadu jaħkem f'imħuħ in-nies. Ir-Regulamenti maħruġin fil-Kodiċi Vilhena fl-1723 u fil-Kodiċi De Rohan fl-1784 ma kenux iħallu l-poplu joħroġ barra bil-lejl, kemm ġewwa l-Belt kif ukoll barra.

Ġewwa l-Belt u fit-Tliet Ibliet kull ħanut jew tverna ried jibqa' magħluq minn sagħtejn fuq l-*Ave Mària* sal-*Pater Noster.* Ħadd ma kien jista joqgħod barra, u kull min jinqabad barra mingħajr raġuni jkollu jħallas skud lill-Kaptan ta' bil-lejl li jkun arrestah — qisu Surġent tal-Pulizija tal-lum. U l-istess multa kienu jeħlu dawk il-ħwienet u tvieren li jiksru r-regulamenti. Ġewwa l-Imdina u r-Rabat ma kontx tista' timxi fit-triqat bil-lejl mingħajr dawl. U jekk xi ħadd jinqabad jikser din l-ordni, u jsir xi serq dak il-lejl, kien ikollu jħallas id-danni hu lil min ikunu serqu.

U ħaġ'oħra. Is-sidien ta' l-ilsiera li ma jkunux mgħammda u li kienu jitħallew jorqdu barra l-Ħabs ta' l-Ilsiera kienu obbligati jżommuhom ġewwa bejn inżul u tlugħ ix-xemx, għax inkella kienu jeħdulhom l-ilsiera tagħhom. Kull dgħajsa jew qoxra oħra kellha tinżamm ġewwa l-Mandraġġ tal-Birgu wara li jidlam, u s-sajjieda ma kenux jistgħu joħorġu għas-sajd bil-lejl. Fl-Imdina, fir-Rabat u fl-irħula tal-bogħod kull min jibqa' bil-ħanut jew tverna miftuħa iktar minn sagħtejn fuq inżul ix-xemx, jew imqar iħalli dawl jidher, kellu jħallas uqija (4s/2d) lill-Kaptan tal-Virga.



Fl-irħula it-taverniera u dawk li għandhom is-sensja jbiegħu x-xorb kellhom jagħlqu siegħa wara nżul ix-xemx, mat-tokk *ta' siegħa lejl,* imma setgħu jibqgħu jbiegħu minn ġot-tieqa sa' sagħtejn fuq l-Ave Marija, sakemm iddoqq *ta' l-imwiet.*

Bejn is-sena 1745 u 1756 bdiet bħal tqanqila biex ikun hawn għall-inqas xi ftit dwal bil-lampi taż-żejt ġewwa t-triqat tal-Belt. Din it-tqanqila tnisslet fost il-poplu, imħeġġa minn raġunijiet sew ta' kumdità kif ukoll ta' devozzjoni lejn il-qaddisin l-aktar popolari f'inħawi differenti tal-Belt. Meta f'Marzu ta' l-1745 il-Gran Prijur tal-Ġermanja, Nesselrode, ħallas minn butu biex għamel ħames statwi tal-ġebel madwar il-Kulleġġ tal-Ġiżwiti, il-lum il-bini ta' l-Università tat-tagħlim, żgur qatt ma basar illi dan il-għemil tiegħu kellu jkun il-bidu tad-dwal fit-triqat ta' Malta. Imma dan hu sewwa sew li ġara.

Dawk il-ħames statwi għadhom hemm — uħud minnhom reġgħu saru wara l-blitz ta' l-aħħar gwerra: waħda ta' San Injazju ta' Loyola tinsab il-bieb il-kbir tal-Liċeo u l-erbgħa l-oħra imqassmin waħda f'kull kantuniera ta' l-Università, i.e. San Alwiġi Konzaga, San Stanislaw Kotstka, San Franġisku Saverju u San Franġisk Borgia. In-nies ta' l-inħawi, imqanqlin mid-devozzjoni, ma damux ma bdew iqiegħdu fanali tal-ħġieġ quddiem dawn l-istatwi. Kienu jixegħluhom bil-lejl u hekk fi kliem wieħed kittieb tas-se-

klu tmintax "...... barra d-devozzjoni, kien hemm il-vantaġġ illi t-triqat jiġu mdawla bil-lejl".

In-nies għoġbithom din il-biċċa u f'qasir żmien xtered mal-Belt. Ftit xhur wara, fi Triq Sant'Ursula qegħdu żewġ statwi, waħda f'kull kantuniera tal-Kunvent ta' Ġieżu. Waħda minn dawn iż-żewġ statwi turi lil San Franġisk d'Assisi. Għadha hemm sal-lum, kantuniera Triq Sant'Ursula ma' Triq Santa Luċija. Bil-lejl kienu jixegħluha bi flus wieħed jismu Karmnu, ibiegħ il-kafè, u r-rożolin f'dawk in-naħiet. Meta miet hu ndaħal ibnu, u baqa' jieħu ħsieb id-dawl hu. L-istatwa l-oħra, ta' Sant'Antnin ta' Padova, qegħda kantuniera ma' Triq San Ġwann. Din kien ħallas għaliha is-sakristan tal-Kunvent ta' Ġieżu.

Wara Triq Sant'Ursula tħajru n-nies ta' Triq San Pawl. Fid-9 ta' Frar, 1754 lejlet il-festa ta' San Pawl, tellgħu statwa ta' San Pietru t'Alkantara, kantuniera Triq S. Pawl ma' Triq San Ġwann, bil-ħsieb li tkun tista' ddawwal dik il-biċċa minn Triq San Ġwann li tagħti għall-Kastellanija (il-lum l-uffiċċju tas-Sanità u tal-Gass), kif ukoll biċċa sewwa minn Triq San Pawl u t-telgħa li tagħti għall-Barrakka ta' Fuq.

Fl-istess żmien in-nies ta' madwar il-Kolleġġjata ta' San Pawl kienu bdew jiġbru biex iwaqqfu statwa ta' San Pawl fil-kantuniera tal-knisja ma' Triq Santa Luċija. Barra Triq San Pawl il-lampa ta' quddiem din l-istawa kienet maħsuba li ddawwal Triq Santa Luċija wkoll sa fejn din tisbokka fi Triq il-Merkanti. Fit-8 ta' April ta' dik is-sena, 1754, l-istatwa tellgħuha fost ferħ kbir. It-triq kienet illuminata bil-lampi u bil-brамel u l-poplu bi ħgaru daħal il-Belt biex jara din id-dehra sabiħa li bħalha mhux la kemm kont tara hawn Malta.

U hekk il-biċċa baqgħet miexja ma' tul is-sena 1754. Issa kien imiss ix-xaqliba l-oħra tal-Belt. F'Lulju waqqfu statwa tal-Madonna tal-Karmnu fil-kantuniera tal-Kunvent tal-Karmnu (Triq Zekka kantuniera ma' Triq it-Teatru), u egħluq is-sena naqraw li qegħdu statwa ta' San Ġużepp fil-kantuniera l-oħra ta' San Ġużepp faċċata ta' fejn il-lum hemm il-knisja ta' l-Ingliżi.

Żewġ statwi oħra tal-ġebel bil-lampi magħhom tqiegħdu fiż-żewġ kantunieri tal-Kunvent ta' San Franġisk ta' Putirjal i.e. Triq Britannja, kantuniera ma' Triq Irjali, u Triq Britannja, kantuniera ma' Triq id-Dejqa. Dawn iż-żewġ statwi juru San Franġisk d'Assisi u l-Kunċizzjoni Immakulata. F'dil-ħabta wkoll kienu qiegħdu statwa ta' Santu Wistin fil-kantuniera tal-Kunvent ta' Santu Wistin bejn Triq l-Ifran u Triq San Ġwann.

U hekk naslu għal naħa oħra tal-Belt, dik il-biċċa ħdejn Triq San Nikola u Triq San Pawl 'l isfel, magħrufa bħala *l-Arċipiela-gu*. Nhar l-20 ta' Diċembru, 1754, kellhom kollox lest biex itellgħu statwa ta' San Franġisk de Pawla fuq pedistall fil-kantuniera tal-knisja *ta' l-Erwieħ* bejn Triq San Pawl u Triq San Nikola. Fl-24 ta' Marzu, 1756, sentejn wara, għamlu statwa tal-ġebel ta' San Nikola ta' Bari u qegħduha fil-kantuniera l-oħra tal-knisja, bejn Triq il-Merkanti u Triq San Nikola.

Barra mill-poplu, kien hemm xi tnejn tat-tajjeb ukoll li bdew jagħmlu hekk. Insibu, ngħidu aħna, li l-Markiż Depiro ta' dak iż-żmien qiegħed kwadru tal-Madonna fuq il-bieb tiegħu fi Triq l-Isqof, u ħalla legat biex jibqgħu jixegħlu lampa quddiemu bil-lejl "sabiex idawwal dik il-biċċa ta' Triq l-Isqof mill-Pjazza tal-Palazz sal-Kurja ta' l-Isqof". Fit-Triq San Ġużepp, magħrufa bħala It-Triq tal-Franċiżi, sar l-istess arranġament quddiem id-dar ta' wieħed Domenico Olivier.

B'hekk fi ftit snin it-triqat tal-Belt setgħu jiġu mdawla f'ħafna bnadi bil-lejl. It-tqegħid ta' lampi taż-żejt kull tant bogħod fit-triqat, in-nies laqgħha tajjeb, iktar u iktar għaliex b'hekk setgħu jiġu evitati xi delitti. Kull ma sar kien bidu ċkejken imma fl-istess ħin kien dejjem xi ħaġa aħjar minn qabel, u setgħu jgħidu wkoll li kien progress bħalma beda jsir fl-istess żmien barra minn Malta, fejn insibu li fl-1736 bdew jintużaw il-lampi taż-żejt f'Londra u f'Pariġi biex idawlu t-triqat tagħhom. L-inizjativa tal-poplu tagħha ingħoġbot mill-awtoritajiet, u sew il-Knisja kemm ukoll l-Istat ħallew il-ħaġa tixtered u tikber mingħajr tfixkil ta' xejn.

Il-lampa li għamlu fil-kantuniera bejn Triq Sant'Ursula u Triq San Ġwann ferħu biha n-nies għax hawnhekk, fejn it-triq tibqa' sejra lejn id-Dwana, mhux biss "it-triq wieqfa imma hija iżjed u iżjed perikoluża minħabba xi gallarijiet li hemm fejn il-ħallelin jistgħu jistaħbew bil-lejl biex imbagħad jidħlu jisirqu". Mifsud ukoll igħid illi "din id-drawwa (li jdawlu t-triqat) għoġbot il-poplu li bil-lejl iħossu li jista' joħroġ bla biża' kull xħin ikun" u li l-"użu tad-dawl quddiem dawn l-istatwi huwa ħaġa tajba u mill-iktar li taqbel għall-poplu. u ddawwal tajjeb il-Belt bil-lejl: u jekk Alla jrid il-Belt kollha għad xi darba tiġi mdawla bil-lejl".

Imma din kienet tama li biex isseħħ kien għad fadal ħafna snin. U meta seħħet. fl-ewwel snin ta' l-Ingliżi f'Malta, Mifsud kien ilu mejjet u l-Kavalieri ta' San Ġwann kienu telqu u spiċċaw mill-istorja ta' Malta.

O. H. M. S.

VALLETTA 10-AM 26 SEP 1959 MALTA

AFFIX STAMPS ON TOP RIGHT OF ENVELOPE

Miss R. Cauchi,
22 Magazine Str.,
Mdina.

T.T.T.

D. of I.